# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 114/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Ryan Debattista**

**iben Glenn u Theresa nee' Cordina, imwieled Pieta'nhar it-13 ta' Jannar, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 73791(M)**

Illum, 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ryan Debattista quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fit-2 ta' Marzu 2017 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa l-Mosta u f'dawn il Gzejjer:

> 1) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. li nghataw fit-22 ta' Jannar 2016;
> 2) Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka helsien mill-arrest tal-imsemmi Ryan Debattista w tordna l-Arrest mill-gdid tal-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma mposta fuqu bhala depozitu w bhala garanzija personali mposta mill-istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) talKap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal-erbgha snin, mghotija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. nhar it-22 ta' Frar 2013;
4) U finalment akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma' jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 579(2) u (3), 28A u 28B, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva, kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, u ghalhekk illiberatu minnhom, izda sabitu hati tal-ewwel akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni, u kkundannatu ghall-piena ta' sena (1) prigunerija. Irrevokat d-digriet tal-helsien mill-arrest preventiv moghti lill-imputat fit-22 ta' Jannar 2016, u ghalhekk ordnat l-arrest mill-gdid tal-imputat. Ordnat l-konfiska favur il-Gvern tal-ammont ta' tlitt elef u tlitt mitt Ewro (€3,300) moghtija bhala depositu u garanzija personali.

Rat ir-rikors tal-appellant Ryan Debattista minnu pprezentat fit-13 ta' Marzu, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat ghall-perijodu ta prigunerija ta' tnax-il xahar u minflok tapplika piena aktar ekwa u gusta billi jigi applikat dak dispost fl-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-appellant, u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant jilmenta unikament illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda wisq harxa tenut kont tan-natura tal-ksur minnu kommess ta' wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu ghall-ghoti ta' helsien mill-arrest f'proceduri penali li kien hemm pendenti kontra tieghu. Jikkontendi illi l-Ewwel Qorti lanqas ma hadet in konsiderazzjoni l-istat mentali li kien jinsab fih f'dak iz-zmien, kif ukoll l-ammissjoni bikrija minnu rregistrata.

Issa jibda biex jinghad illi ghalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija l-appellant jammetti illi huwa naqas ghal zmien twil milli jirrapporta l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, kull nhar ta' Tnejn, il-Hamis u s-Sibt, kif kien obbligat illi jaghmel skont id-digriet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Saviour Demicoli) tat-22 ta' Jannar 2016, madanakollu fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ma rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Anzi huwa jipprova jiggustifika dan in-nuqqas milli jikkonforma ruhu mal-ordni tal-Qorti billi jghid illi ghamel perijodu twil ibati minn problemi ta' sahha mentali tant illi anke ghamel xi jiem rikoverat l-isptar Monte Carmeli. Fil-fatt mill-*bail book* esebiet a fol.27 tal-process jirrizulta illi ghal perijodu mill-15 ta' Ottubru 2016 sal-15 ta' Jannar 2017, l-appellant ma kienx qed jirrapporta l-ghassa tal-pulizija, hlief ghal xi granet sporadici. Illi dan jemergi ukoll mix-xiehda tal-Ispettur Roderick Agius moghtija quddiem din il-Qorti, li ghalkemm jikkonferma li l-appellant kien spjegalu, meta gie minnu imwissi biex jottempera ruhu mal-ordni tal-qorti, illi kien qed ibati minn problemi ta' sahha, u ghalkemm kien talbu jipproduci xi certifikati medici sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni, dan baqa' nadempjenti. Jikkonferma madanakollu li meta iltaqa' mal-appellant *de visu* kien jidher illi l-istat ta' sahha tieghu ma kenitx wahda tajba u li f'dak iz-zmien seta' anke kellu problemi ta' abbuz tad-droga.

Illi dak li jidher li xpruna lill-Ewwel Qorti sabiex timponi piena ta' sena prigunerija kien il-fatt illi l-appellant kien ilu ma jirrapporta gewwa l-ghassa tal-pulizija u jiffirma il-*bail book* ghal perijodu twil ta' zmien u dan minghajr ebda gustifikazzjoni, ghalkemm kien gie imwissi mill-pulizija diversi drabi. Illi l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali jahseb ghal piena fil-parametri ta' bejn erba xhur u sentejn prigunerija u/jew il-multa, u ghalhekk huwa indubitat illi l-piena

erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx wahda li tqarreb lejn il-minimu. Illi l-Qorti kellha ukoll okkazzjoni li tisma f'dan l-istadu ta' revizjoni lill-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech li ghal snin twal segwa lill-appellant li ghalkemm jispjega illi l-appellant ighaddi minn perijodi turbolenti f'hajjtu fejn anke jabbuza mid-droga, madanakollu jidher illi mill-bidu tas-sena 2019, huwa jinsab ighix f'hajja stabbli mat-tfajla tieghu u l-wild taghhom u anke refa' r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier f'cirkostanzi difficli meta ibnu ta' eta' zghira marad bil-marda tal-kancer.

Illi l-Qorti abbazi ta' dawn il-provi hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fejn fl-ewwel lok jirrizulta illi l-appellant lahaq certu stabbilita f'hajjtu w ukoll hemm il-htiega tal-presenza kontinwa tieghu fil-familja minhabba l-problemi serji ta' sahha li huwa afflitt minnhom it-tifel tieghu fejn anke jkun hemm il-bzonn li jircevi kura barra minn Malta, piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-ksur tal-ordni tal-Qorti dam ghaddej ghal perijodu twil ta' zmien, kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, madanakollu minn dak iz-zmien jidher illi l-appellant qieghed jipprova jirriforma hajjtu, u allura ghalkemm ghandha tigi inflitta piena fuqu ghall-infrazzjoni tieghu tal-ligi u tal-ordni tal-qorti, madanakollu din ghandha tkun wahda alternattiva ghal priguenerija. Inoltre ghalkemm il-konfiska tal-garanzija u d-depozitu ta' €3300 hija wahda tassattiva, madanakollu mhijiex ser tordna ir-ri-arrest mill-gdid tal-appellant bir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest, anke ghaliex din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni akkordatlu l-helsien mill-arrest mill-gdid.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddecedi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn gie lliberat mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, tikkonfermaha ukoll fejn giet ordnata l-konfiska tas-somma ta' €3300 favur il-Gvern ta' Malta, izda tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-appellant taht Ordni ta' Probation, taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech, u dan ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa ma joqghodx ghal kondizzjonijiet imposti fuqu fl-Ordni tal-Probation jew inkella ma jobdiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Jocye Agius

Deputat Registratur